**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 21 ta' Marzu 2023**

**Talba numru 182/2022 SFJ**

**Numru 9**

**GO P.L.C. (C 22334)**

**vs.**

**URRY RITIENNE (KI 201296M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-21 ta' Ġunju 2022 li permezz tagħha l-attur ippremetta u talab is-segwenti:

> *"Illi l-konvenuta għandha tagħti lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' elfejn, tliet mija u wieħed u tletin ewro u erbgħa w disgħin ċenteżmu (Eur2,331.94), in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numru 40958283;*
>
> *Illi nterpellat sabiex jgħaddi għall-ħlas il-konvenuta baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża kontra l-konvenuta, li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni, bl-ispejjes u d-drittijiet inklużi dawk in konnessi mal-ittra uffiċjali, bir-referenza 2019/2021 u bl-imgħaxijiet legali."*

***Mal-avviż tat-talba ġew mehmuża DOK A, li huwa prospett, DOK B1 u DOK B2, li huma dokumenti wkoll relatati ma' dan il-każ, u DOK C, li hija kopja legali tal-ittra uffiċjali, datata 2019/2021***.

Ra illi l-konvenuta ġiet notifikata permezz tal-proċedura tal-affissjoni w pubblikazzjonijiet, iżda ma ppreżentat l-ebda risposta.

Il-kawża ġiet diferita għas-7 ta' Frar 2023 għall-provi tas-soċjeta' attriċi.

Fis-7 ta' Frar, xehdet bil-ġurament MaryAnne Camilleri, illi ddikjarat li l-ħlas ta' llum ma sarx u li l-ħlas dovut huwa ta' elfejn tliet mija, wieħed u tletin u erbgħa w disgħin ċenteżmu (Eur 2331.94), u għalhekk, il-kawża ġiet diferita għall-21 ta' Marzu għas-Sentenza.

**Provi Mressqa w Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim'Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim'Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Riċentament ukoll sentenza mgħotija mill-Onorevoli Imħallef Christian Falzon Scerri nhar it-18 ta' Novembru, 2022 (rikors 1090/2021) (ara ***Salvatore Battiato u Emanuela Graziella Vanella vs. Alessandro Mercieca*** ) fejn l-Imħallef iddikjara "Il-grad ta' prova li l-atturi kellhom jilħqu, huwa dak li biżżejjed inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta mill-preponderanza tal-provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabilitajiet".

**<u>Deċide</u>**

Wara li t-Tribunal ra d-dokumentazzjoni relattiva u sema' lix-xhud Maryanne Camilleri tixhed, it-Tribunal ma jsibx diffikulta' jikkonkludi li s-soċjeta' attriċi timmerita li tieħu l-ammont riklamat skont l-avviż tat-talba. F'dan id-dawl tal-fatt, it-Tribunal jaqta' w jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjeta' attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lis-soċjeta' attriċi is-somma ta' elfejn tliet mija, wieħed u tletin u erbgħa w disgħin ċenteżmu (Eur 2331.94), bl-imgħax kif mitlub fl-avviż tat-talba.

It-Tribunal jikkundanna wkoll lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi l-ispejjes kollha ta' din il-kawża, li jinkludu wkoll dawk tal-ittra uffiċjali datata 2019/2021.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**